32004R1860

L 325/4 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 28.10.2004

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1860/2004

## tas-6 ta' Ottubru 2004

## dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna *de minimis* fis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament[2],

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajnuna Statali,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex, permezz ta' Regolament, tistipula limitu li taħtu l-miżuri tal-għajnuniet jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għaldaqstant ma jkunux suġġetti għall-proċedura tan-notifika prevista fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(2) Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat u b'mod partikolari kkjarifikat, f'ħafna deċiżjonijiet, il-prinċipju tal-għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll, l-aktar riċenti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001[3], il-politika tagħha dwar limitu massimu għal *de minimis* li anqas minnu l-Artikolu 87(1) jista' jitqies li ma japplikax. Did-dawl tar-regoli speċjali li japplikaw fis-setturi tal-agrikolutura u s-sajd, u tar-riskji li anke l-ammonti baxxi ta' għajnuniet jistgħu jilħqu l-kriterji tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat f'dawn is-setturi, ir-Regolament (KE) Nru 69/2001 ma japplikax għal dawn is-setturi.

(3) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni, speċjalment minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar is-sostenn għal żvilupp

[1] ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.
[2] ĠU C ...
[3] ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30.

rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti[4], u l-linji gwida tal-Komunità għall-għajnuna statali fis-settur agrikolu[5], jista' jiġi affermat li ammonti baxxi ħafna ta' għajnuna mogħtija lis-settur agrikolu ma jilħqux il-kriterji tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, sakemm jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet. Dan huwa l-każ fejn kemm l-ammont tal-għajnuna riċevut mill-produtturi individwali jibqa żgħir, kif ukoll l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lis-settur agrikolu ma jitlax aktar minn perċentwali baxx tal-valur tal-produzzjoni. Il-produzzjoni agrikola fil-Komunità hija normalment karatterizzata mill-fatt li kull komodità tiġi prodotta minn għadd kbir ta' produtturi żgħar ħafna, li jipproduċu l-aktar prodotti interkambjabbli fi ħdan il-qafas tal-organizzazzjonijiet komuni tas-suq. Għal din ir-raġuni, l-impatt ta' ammonti żgħar ta' għajnuna mogħtija lill-produtturi individwali matul perjodu speċifiku ta' żmien għandu jkun relatat mal-valur tal-produzzjoni fil-livell tas-settur matul l-istess perjodu ta' żmien. Limitu massimu fil-forma ta' ammont għal kull Stat Membru stabbilit abbażi tal-valur tal-produzjoni fis-settur agrikolu jippermetti approċċ konsistenti fl-Istati Membri kollha, msejjes fuq valur ta' referenza ekonomiku oġġettiv.

(4) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-għajnuna Statali fis-settur tas-sajd, speċjalment minn meta daħlu fis-seħħ il-linji gwida tal-Komunità għall-eżaminazzjoni tal-għajnuna statali għas-sajd u l-akwakoltura[6] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistipula r-regoli u l-arranġamenti dettaljati għall-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd[7], jista' jiġi affermat li ammonti baxxi ħafna ta' għajnuna mogħtija fis-settur tas-sajd ma jilħqux il-kriterji tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, sakemm jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet. Minħabba x-xebħ tax-xejriet tal-produzzjoni fis-settur tas-sajd u fis-settur agrikolu, dan huwa l-każ fejn kemm l-ammont tal-għajnuna riċevut mill-impriżi individwali jibqa' baxx kif ukoll l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija lis-settur tas-sajd ma jaqbżux perċentwali baxx tal-valur tal-produzzjoni.

(5) Bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza u ċ-ċertezza ġuridika, jidher xieraq li tiġi stipulata b'regolament regola *de minimis* għas-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd.

(6) Fid-dawl tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Agrikoluta[8], dan ir-Regolament m'għandux jeżenta għajnuna għall-esportazzjoni jew għajnuna li tiffavorixxi l-prodotti domestiċi minn dawk importati. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li ma jagħtu l-ebda sostenn li jmur kontra l-impenji li jinsabu f'dak il-Ftehim. L-għajnuna għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew tal-istudji jew tas-servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' xi prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid normalment ma titqisx bħala għajnuna għall-esportazzjoni. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stabbiliet li, ladarba l-Komunità illeġiżlat favur l-ħolqien ta’ organizzazzjoni komuni tas-suq f’settur partikolari tal-agrikoltura, l-Istati Membri huma obbligati li ma jieħdu l-ebda miżura li tista’

---

4 ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1783/2003 (ĠU L 270, 21.10.203, p.70)

5 Il-verżjoni reveduta, ĠU C 232, 12.8.2000, p. 19).

6 ĠU C 19, 20.1.2001.

7 ĠU L 337, 30.12.1999, p.10, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2369/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p.49)

8 ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

iddgħajjifha jew toħloq eċċezzjonijiet għaliha[9]. Dan il-prinċipju japplika wkoll fis-settur tas-sajd. Għal din ir-raġuni, dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għajnuna li l-ammont tagħha huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq.

(7) Fid-dawl tal-esperjenza tal-Kummissjoni, jista' jiġi affermat li l-għajnuna li ma taqbiżx il-limitu massimu ta' EUR 3 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin, fejn l-ammont total ta' din l-għajnuna lill-impriżi kollha fuq perjodu ta' tliet snin jibqa' taħt il-limitu massimu li għandu jiġi stipulat mill-Kummissjoni ta' madwar 0.3 % tal-produzzjoni annwali agrikola jew tal-produzzjoni annwali mis-sajd ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew ma tgħawwiġx jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni u għalhekk ma taqax taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Il-perjodu ta' tliet snin għandu jkun jista`jiċċaqlaq, b'hekk għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis* ikun meħtieġ li jiġi stabbilit x'kien l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija matul it-tliet snin ta' qabel. L-għajnuna *de minimis* għandha titqies li ngħatat fil-mument li d-dritt ġuridiku għal din l-għajnuna jiġi konferit fuq il-benefiċjarju. Ir-regola *de minimis* hi mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-impriżi jistgħu jirċievu, għall-istess proġett, għajnuna Statali awtorizzata mill-Kummissjoni jew koperta minn Regolament dwar eżenzjoni tal-grupp.

(8) Għall-fini tat-trasparenza, it-trattament ugwali u l-applikazzjoni tal-limiti massimi tad-*de minimis*, hu xieraq li l-Istati Membri għandhom japplikaw l-istess metodu ta' kalkolazzjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-kalkolu u skont ir-Regolament 69/2001, huwa xieraq li l-ammonti tal-għajnuna li ma jkunux f'forma ta' għotja ta' kontanti għandhom jiġu kkonvertiti fl-ekwivalenti tagħhom bħala għotja grossa. Il-kalkolazzjoni tal-għotja ekwivalenti għall-għajnuna pagabbli f'diversi pagamenti, u l-kalkolazzjoni tal-għajnuna f'forma ta' self b'imgħax baxx, jeħtieġu l-użu tar-rati tal-imgħax prevalenti fis-suq fiż-żmien tal-għotja. Bil-ħsieb tal-applikazzjoni uniformi, trasparenti u sempliċi tar-regoli tal-għajnuna Statali, ir-rati tas-suq għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu meqjusa li huma r-rati ta' referenza, sakemm, fil-każ ta' self b'imgħax baxx, is-self ikun kopert b'garanzija normali u ma jinvolvix riskju anormali. Ir-rati ta' referenza għandhom ikunu dawk iffissati perjodikament mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq l-Internet.

(9) Il-Kummissjoni għandha d-dmir li tiżgura li r-regoli tal-għajnuna Statali jiġu rispettati, u b'mod partikolari li l-għajnuna mogħtija skont ir-regoli *de minimis* tikkonforma mal-kundizzjonijiet tagħhom. B'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni stipulat fl-Artikolu 10 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-twettiq ta' din il-biċċa xogħol billi jistabbilixxu il-mekkaniżmu neċessarju biex jiżguraw li l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija skont ir-regola *de minimis* la taqbeż l-ammont ta' EUR 3 000 għal kull benefiċjarju u lanqas il-limiti massimi totali stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-valur tal-produzzjoni agrikola jew mis-sajd ta' kull Stat Membru matul perjodu ta' tliet snin. Għal dak il-għan, hu xieraq li meta jagħtu għajnuna *de minimis*, l-Istati Membri jinfurmaw lill-impriża konċernata dwar in-natura tal-għajnuna *de minimis*, jirċievu l-informazzjoni sħiħa dwar għajnuna oħra *de minimis* riċevuta matul it-tliet snin ta' qabel u jivverifikaw b'attenzjoni li l-limiti massimi *de minimis* mhux ser

[9] Il-Każża C-113/2000 Spanja/il-Kummissjoni, [2002] ECR 2002 I-7601, il-punt 73.

jinqabżu bil-għajnuna ġdida *de minimis*. L-osservanza ta' dawn il-limiti massimi tista' wkoll tiġi żgurata permezz ta' reġistru ċentrali.

(10) Wara ġiet ikkunsidrata l-esperjenza tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-frekwenza li biha huwa ġeneralment meħtieġ li tiġi riveduta l-politika tal-għajnuna Statali huwa xieraq li jiġi limitat il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk dan ir-Regolament jiskadi mingħajr ma jiġi mġedded, l-Istati Membri għandhom ikollhom perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur għar-rigward tal-iskemi tal-għajnuna *de minimis* li huma koperti minnu. Għall-finijiet taċ-ċertezza ġuridika, huwa xieraq li jiġi ċċarat l-effett ta' dan ir-Regolament fuq l-għajnuna li tkun ngħatat qabel ma jidħol fis-seħħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ambitu**

Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, ħlief għal:

(a) għajnuna, li l-ammont tagħha huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq;

(b) għajnuna għall-attivitajiet marbuta mal-esportazzjoni, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbiliment u t-tħaddim ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' spejjeż oħra kurrenti mabruta mal-attività tal-esportazzjoni;

(c) għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

1. "impriżi fis-settur agrikolu" tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli;

2. "prodott agrikolu" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, minbarra l-prodotti tas-sajd kif definiti fil-punt 5;

3. "ipproċessar ta' prodott agrikolu" tfisser operazzjoni fuq prodott agrikolu fejn il-prodott li jirriżulta mill-operazzjoni jkun ukoll prodott agrikolu.

4. "impriżi fis-settur tas-sajd" tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd;

5. "prodotti tas-sajd" tfisser kemm prodotti li jinqabdu mill-baħar jew mill-ilmijiet interni u l-prodotti tal-akwakoltura elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsil (KE) Nru 104/2000[10];

6. "ipproċessar u kummerċalizzazzjoni ta' prodott tas-sajd" tfisser l-operazzjonijiet kollha, inklużi l-ġestjoni, it-trattament, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni li jitwettqu bejn x'ħin jasal l-art jew jinħasad u l-istadju tal-prodott finali.

*Artikolu 3*

## Għajnuna *de minimis*

1. Il-miżuri tal-għajnuna għandhom jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għandhom għalhekk ikunu eżenti mir-rekwiżit ta’ notifika tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, jekk dawn jissodisfaw l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija lil xi impriża ma għandhiex taqbeż EUR 3 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dan il-limitu massimu għandu japplika irrispettivament mill-forma tal-għajnuna jew l-għan aħħari.

L-għajnuna totali mogħtija b'hekk lill-impriżi diversi fis-settur agrikolu ma għandhiex taqbeż il-valur stipulat għal kull Stat Membru fl-Anness I, matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

L-għajnuna totali mogħtija lill-impriżi diversi fis-settur tas-sajd ma għandhiex taqbeż il-valur stipulat għal kull Stat Membru fl-Anness II, matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

3. Il-limitu massimu fil-paragrafu 2 għandu jiġi espress bħala għotja ta' kontanti. Iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu grossi, jiġifieri qabel kwalunkwe tnaqqis tat-tassazzjoni diretta. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra li mhijiex għotja, l-ammont tal-għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għajnuna bħala għotja grossa.

L-għajnuna pagabbli f'diversi ħlasijiet għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument tal-għotja. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skont u biex jiġi kkalkulat l-ammont tal-għajnuna f'forma ta' self b'imgħax baxx għandha tkun ir-rata ta' riferenza applikabbli fiż-żmien l-għotja.

*Artikolu 4*

## Kumulazzjoni u monitoraġġ

1. Meta xi Stat Membru jagħti għajnuna *de minimis* lil xi impriża, għandu jinforma lill-impriża dwar in-natura tal-għajnuna *de minimis* u jikseb mill-impriża konċernata l-informazzjoni kollha dwar għajnuna oħra *de minimis* riċevuta matul it-tliet snin ta' qabel.

L-Istat Membru jista' biss jagħti għajnuna ġdida *de minimis* wara li jkun ivverifika li din mhix ser iżżid l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* riċevuta matul il-perjodu rilevanti ta' tliet snin għal ammont ogħla mil-limiti massimi stipulati fl-Artikolu 3(2).

---

10 ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

2. Fejn xi Stat Membru jkun stabbilixxa reġistru ċentrali tal-għajnuna *de minimis* għall-agrikolutura u s-sajd, rispettivament, li jkun fih l-informazzjoni sħiħa dwar l-għajnuna kollha *de minimis* li taqa' fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament u mogħtija minn xi awtorità fi ħdan dak l-Istat Membru, ir-rekwiżit tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma jibqax japplika ladarba r-reġistru jkopri perjodu ta' tliet snin.

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-reġistri għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juru li l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġew sodisfatti. Ir-reġistri dwar għajnuna individwali *de minimis* għandhom jinżammu għal għaxar snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna u r-reġistri fir-rigward ta' skema tal-għajnuna *de minimis*, għal għaxar snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna individwali taħt dik l-iskema.

Fuq talba bil-miktub, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' 20 jum ta' ħidma, jew kwalunkwe perjodu itwal li jista' jiġi ffissat fit-talba, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewx imħarsa, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* riċevuta minn kwalunkwe impriża u mis-settur agrikolu jew tas-sajd tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 1 u 3. Kwalunkwe għajnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni skont il-qafas, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

2. L-iskemi tal-għajnuna taħt dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jibbenefikaw minnu matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur wara d-data stipulata fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6.

Matul il-perjodu ta' aġġustament, l-iskemi jistgħu jibqgħu jiġu applikati skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ u l-applikabilità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005.

Għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Ottubru 2004

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS 1

Ammonti kumulattivi għall-agrikoltura għal kull Stat Membru, kif imsemmija fl-Artikolu 3(2):

(f'EUR)

| | |
|---|---|
| BE | 22 077 000 |
| DK | 27 294 000 |
| DE | 133 470 000 |
| EL | 34 965 000 |
| ES | 106 755 000 |
| FR | 195 216 000 |
| IE | 17 637 000 |
| IT | 130 164 000 |
| LU | 789 000 |
| NL | 62 232 000 |
| AT | 17 253 000 |
| PT | 17 832 000 |
| FI | 11 928 000 |
| SE | 13 689 000 |
| UK | 72 357 000 |
| CZ | 9 696 000 |
| EE | 1 266 000 |
| CY | 1 871 100 |
| LV | 1 686 000 |
| LT | 3 543 000 |
| HU | 16 980 00 |
| MT | 474 000 |
| PL | 44 895 000 |
| SI | 3 018 000 |
| SK | 4 566 000 |

ANNESS 2

Ammonti kumulattivi għas-sajd għal kull Stat Membru, kif imsemmija fl-Artikolu 3(2)*

(f'EUR)

| | |
|---|---|
| BE | 1 368 900 |
| DK | 6 341 400 |
| DE | 7 287 000 |
| EL | 2.036.370 |
| ES | 15 272 100 |
| FR | 11 073 300 |
| IE | 1 944 000 |
| IT | 9 413 400 |
| LU | 0 |
| NL | 3 548 100 |
| AT | 114 000 |
| PT | 2 703 300 |
| FI | 460 200 |
| SE | 1 557 900 |
| UK | 12 651 900 |
| CZ | 169 200 |
| EE | 407 400 |
| CY | 123 000 |
| LV | 510 300 |
| LT | 906 000 |
| HU | 144 180 |
| MT | 21 000 |
| PL | 1 652 100 |
| SI | 21 900 |
| SK | 86 100 |